**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/075 |
| **Allegazzjoni:** | Użu ta' riżorsi pubbliċi għall-finijiet ta' pubbliċità personali |
| **Ilmentatur:** | L-Onor. Dr Karol Aquilina |
| **Data tal-Ilment:** | 14 ta' April 2025 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 10 ta' Diċembru 2025 |

**L-Ilment**

1. Fl-14 ta' April 2025, l-Onor. Dr Karol Aquilina (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jilmenta dwar riklam tal-gvern li deher fil-ġurnal *MaltaToday* il-ġurnata ta' qabel. Ir-riklam ħa l-forma ta' artiklu ppubblikat bi ħlas (advertorial) intitolat "*Consultation process begins on Miscarriage Leave*". L-Ilmentatur qal li dan l-artiklu jinkludi ritratt tal-Onor. Dr Andy Ellul, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, u jikkwotah b'mod estensiv. L-Ilmentatur allega li dan jirrappreżenta ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

2. L-Ilmentatur qal li din ma kinitx l-ewwel darba li l-Onor. Ellul għamel riklam għalih imħallas minn fondi pubbliċi. Huwa rrefera għar-rapport ta' dan l-Uffiċċju dwar il-każ K/053, li ġie konkluż fl-14 ta' Novembru 2024.[1]

3. L-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument 1**, flimkien ma' kopja tar-riklam in kwistjoni.

[1] Ara https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k053.pdf.

## Il-Kuntest

4. Fis-17 ta' Marzu 2021 il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta' dak iż-żmien, Dr George Hyzler, ħareġ rapport dwar riklam tal-gvern li deher f'diversi gazzetti. Ir-rapport ikkonkluda li r-riklam kien jinvolvi l-użu ta' fondi pubbliċi minn ministru għall-iskop ta' pubbliċità personali.[2] Il-Kummissarju Hyzler irrefera r-rapport tiegħu lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

5. Il-membri tal-Kumitat ivvotaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport. L-Ispeaker bħala president tal-Kumitat kellu vot deċiżiv, iżda astjena għaliex deherlu li kien hemm bżonn linji gwida li jistabbilixxu kriterji ċari dwar kif għandhom isiru r-riklami.[3] B'hekk ir-rapport ma ġiex adottat mill-Kumitat.

6. B'riżultat ta' dan, fit-2 ta' Awwissu 2021 il-Kummissarju Hyzler ippubblika dokument intitolat *Guidelines on Government Advertising and Promotional Material*. Dan id-dokument jgħid li l-linji gwida miġbura fih ma jirrappreżentawx regoli ġodda, iżda jindikaw biss kif għandu jiġi interpretat il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari f'każijiet li jinvolvu riklamar jew materjal promozzjonali tal-gvern.[4]

7. Fl-1 ta' Ġunju 2022, il-Kummissarju Hyzler ħareġ rapport dwar każ ieħor li kien jinvolvi riklami tal-gvern.[5] Il-Kumitat għall-Istandards ħa deċiżjoni dwar dan il-każ fit-28 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, jiġifieri l-2023. Il-membri tal-Kumitat reġgħu inqasmu tnejn favur u tnejn kontra r-rapport tal-Kummissarju, u l-Ispeaker ivvota kontra r-rapport. L-Ispeaker ibbaża l-vot tiegħu fuq il-fatt li l-linji gwida ta' Awwissu 2021 ma kellhomx saħħa legali.[6]

---

[2] Rapport dwar il-każ K/028, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K028.pdf.

[3] Ara l-motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker tat-28 ta' April 2021, aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/PublishingImages/Pages/2021/May/03/pr210819/pr210819a.pdf.

[4] Ara l-paragrafu 1.3 tal-linji gwida, li huma aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/guidelines-government-advertising-promotional-material.pdf.

[5] Rapport dwar il-każ K/041, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K041.pdf.

[6] Motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker tat-28 ta' Ġunju 2023, aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/PublishingImages/Pages/2023/06/29/pr231024/pr231024a.pdf.

8. Sadanittant is-sottoskritt kien inħatar Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Fit-18 ta' Lulju 2023 huwa kiteb lill-Ispeaker bħala president tal-Kumitat għall-Istandards. F'din l-ittra, irrefera għaż-żewġ każijiet imsemmija fuq u qal:

> *Jekk wieħed iqis dawn iż-żewġ każi bħala preċedent, ifisser li l-Kumitat dwar l-Istandards la hu lest jistrieħ fuq il-kodiċi ta' etika ministerjali u lanqas ma huwa lest jirreferi għal-linji gwida huwa u jikkunsidra allegazzjonijiet ta' ksur ta' etika marbuta ma' riklami mħallsa minn fondi pubbliċi. B'hekk il-Kumitat effettivament ħoloq sitwazzjoni fejn huwa ma jistax jieħu azzjoni kontra tali ksur. Din is-sitwazzjoni għandha tiġi indirizzata b'urġenza.*[7]

9. Fl-istess ittra, is-sottoskritt irrakkomanda li l-linji gwida jingħataw ix-xejra ta' regoli u jiġu nklużi bħala addenda fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari. B'hekk il-linji gwida jkollhom bażi legali u jiġi eliminat kull dubju dwar il-validità tagħhom. Din ir-rakkomandazzjoni saret taħt l-artikolu 13(1)(g) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, iżda l-Kumitat baqa' qatt ma ħa deċiżjoni dwarha.

10. Is-sottoskritt sab ksur ta' etika marbut ma' riklami pubbliċi f'ħames każijet. Tnejn minn dawn il-każijiet ingħalqu mis-sottoskritt taħt l-artikolu 22(5) tal-Att wara li rċieva apoloġija mingħand il-persuna investigata. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk il-każ ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat.

11. Fl-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ każijiet, il-ministru konċernat saħansitra ħallas lura l-ispejjeż tar-riklam minn butu.[8] It-tieni każ kien jikkonċerna proprju s-Segretarju Parlamentari Andy Ellul, u huwa l-każ li rrefera għalih l-Ilmentatur fil-każ preżenti.[9]

---

7 Din l-ittra hija aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/recommendation-to-speaker-2023-07-18.pdf.

8 Rapport dwar il-każ K/045, maħruġ fl-14 ta' April 2023 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K045.pdf.

9 Rapport dwar il-każ K/053, maħruġ fl-14 ta' Novembru 2024 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k053.pdf.

12. Is-sottoskritt talab li jingħata apoloġija anki fit-tliet każijiet l-oħra iżda ma rċevihiex. Għalhekk kellu jirreferi dawn il-każijiet lill-Kumitat għall-Istandards.

13. Wieħed minn dawn il-każijiet ġie deċiż mill-Kumitat fis-7 ta' Novembru 2024. Il-membri tal-Kumitat għal darb'oħra vvotaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport, u l-Ispeaker ivvota kontra r-rapport. L-Ispeaker reġa' bbaża l-vot tiegħu fuq il-fatt li l-linji gwida ta' Awwissu 2021 ma kellhomx saħħa legali.[10] Dan kien minkejja li fir-rapport tiegħu, is-sottoskritt qal li ma kellux għalfejn jirreferi għal-linji gwida biex jikkonkludi li kien hemm ksur ta' etika f'dan il-każ, għaliex din il-konklużjoni kienet evidenti meta jitqies il-kontenut tal-filmat relevanti.[11]

14. Ir-raba' u l-ħames każijiet ġew sottomessi lill-Kumitat f'Marzu u April tal-2025 rispettivament, u għadhom pendenti quddiemu.[12]

### Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni

15. Is-sottoskritt deherlu li l-ilment hawn taħt konsiderazzjoni kien jimmerita investigazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari:

> *4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*
>
> *4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza*

10 Traskrizzjoni tal-laqgħa tal-Kumitat tas-7 ta' Novembru 2024 (aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/132039/20241107_011d_sta.docx), paġni 2–5.

11 Ara l-paragrafi 19(a) u 29 tar-rapport dwar il-każ K/052, maħruġ fl-4 ta' Marzu 2024 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K052.pdf.

12 Rapport dwar il-każ K/069, sottomess lill-Kumitat fl-24 ta' Marzu 2025 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k069.pdf, u rapport dwar il-każ K/067, sottomess lill-Kumitat fil-11 ta' April 2025 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k067.pdf.

*inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

*7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.* […]

16. Is-sottoskritt deherlu li dan il-każ kellu jiġi kkunsidrat ukoll fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021:

*2.3 Inter alia, government advertising may include:* [...]

*(d) advertorials, that is to say articles or opinion pieces that include more content than a normal advertisement but are still placed against payment;* [...]

*3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.*

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

17. Is-sottoskritt kiteb lis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul fil-21 ta' April 2025 sabiex jirreferilu l-ilment. L-ittra hija annessa bħala d-**Dokument 2**. Din l-ittra rriferiet għad-dispożizzjonijiet ikkwotati fuq tal-kodiċi ta' etika ministerjali u tal-linji gwida. L-ittra talbet lill-Onor. Ellul jagħti l-veduti tiegħu b'mod ġenerali dwar l-ilment, u jgħid ukoll:

(a) kemm sewa flus ir-riklam li huwa s-suġġett tal-ilment;

(b) jekk jikkonsidrax li l-apparenza tiegħu fir-riklam kienet ġustifikata fl-interess pubbliku, u jekk iva, għalfejn;

(ċ) jekk ir-riklam kienx jirrispetta d-distinzjoni bejn l-irwol uffiċjali ta' membru tal-eżekuttiv u l-irwol ta' politiku f'kapaċità personali; u

(d) jekk ir-riklam kienx jaffettwa l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li l-ħlas għalih preżumibbilment ġie awtorizzat minn uffiċjal pubbliku.

18. L-Onor. Ellul wieġeb permezz ta' ittra datata 20 ta' Mejju 2025 (**Dokument 3**). Huwa qal li l-artiklu in kwistjoni kien ġie ppubblikat bil-għan li jkun hemm konsultazzjoni wiesgħa dwar l-introduzzjoni ta' miscarriage leave, li hija tema ta' interess pubbliku. Qal li hu kien qiegħed jaġixxi fil-vesti tiegħu ta' segretarju parlamentari, u kellu d-dmir li jinforma lill-pubbliku dwar din l-inizjattiva.

19. L-Onor. Ellul qal ukoll li kien intlaħaq ftehim mal-ġurnal *MaltaToday* biex issir kampanja ta' informazzjoni dwar il-miscarriage leave, u l-artiklu kien parti minn din il-kampanja. Il-pubblikazzjoni tal-artiklu kienet deċiżjoni tal-editur, li uża ritratt li kien diġà fid-dominju pubbliku. L-Onor. Ellul qal iżda li bl-ebda mod ma kien qiegħed jipprova jitfa' xi tort fuq il-ġurnalist.

20. L-Onor. Ellul inkluda mar-risposta tiegħu, bħala Dok A u Dok Ċ rispettivament, skambju ta' korrispondenza bejn il-Kap tas-Segretarjat tiegħu u l-Head of Sales ta' Media Today Co. Ltd, u kopja ta' fattura maħruġa mill-istess kumpanija għas-somma ta' €4,900 (VAT mhux inkluż). L-Onor. Ellul qal iżda li din is-somma tkopri l-kampanja sħiħa u mhux artiklu wieħed biss. Jidher mill-iskambju ta' korrispondenza li s-somma kienet intiża biex tkopri erba' artikli u banner (tip ta' riklam f'sit elettroniku).

21. L-Onor. Ellul żied jgħid li tlett ijiem wara li ġie ppubblikat l-artiklu in kwistjoni, deher artiklu ieħor bħala parti mill-istess kampanja ta' informazzjoni, intitolat "*A United Stand on Miscarriage Leave in Malta*". F'dan l-artiklu kienu jidhru l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Graziella Attard Previ, deputati tal-oppożizzjoni. L-Onor. Ellul qal li l-involviment ta' dawn id-deputati fil-proċess ta' konsultazzjoni juri biċ-ċar l-intenzjoni tiegħu li jittratta l-miscarriage leave bħala materja nazzjonali u mhux partiġġjana. Huwa hemeż kopja ta' dan l-artiklu bħala Dok B mar-risposta tiegħu.

22. L-Onor. Ellul qal li l-apoloġija tiegħu fil-każ K/053 kienet biss dwar "*promozzjoni ta' avvenimenti pubbliċi*", fil-kuntest li dak il-każ kien jittratta dwar il-pubbliċità għall-Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena. L-Onor. Ellul żied jgħid li l-każ preżenti ma jikkonċernax avveniment simili, iżda "*miżura u għarfien fuq tema sensittiva li sa ftit tal-ġranet ilu kulħadd kien iħoss skumdità jitkellem dwarha*". Ikkonkluda billi saħaq li "*l-ilment huwa purament intiż biex ifixkel il-ħidma tagħna u saħansitra jirrappreżenta l-fieragħ*."

23. L-ittra tal-Onor. Ellul kellha wkoll annessi magħha kopji ta' stqarrija uffiċjali maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni u artikli ppubblikati minn diversi ġurnali. Dawn l-artikli mhumiex relevanti għall-każ u mhumiex qegħdin jiġu riprodotti ma' dan ir-rapport sabiex ma jirrenduhx voluminuż iżżejjed.

24. Fl-20 ta' Ottubru 2025, is-sottoskritt reġa' kiteb lill-Onor. Ellul biex jinfurmah li dan l-Uffiċċju qagħad fuq ir-risposta tiegħu u ma ġabarx provi oħra, u għaldaqsant ma kellux provi x'jirreferilu għall-finijiet tal-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Permezz ta' din l-ittra, l-Onor. Ellul ingħata l-opportunità jagħmel sottomissjonijiet finali.

25. L-Onor. Ellul wieġeb permezz ta' ittra datata 11 ta' Novembru 2025 (**Dokument 4**). F'din l-ittra huwa tkellem dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika li għamel il-gvern u l-miżuri li ttieħdu biex jindirizzaw suġġerimenti li saru waqt il-konsultazzjoni. Huwa qal: "*It-tibdil li diġà tħabbar frott din il-konsultazzjoni pubblika jagħti sens ta' sapport u sostenn lill-ħaddiema u l-familji kollha. Għaldaqstant, dak kollu premess jindika bla ebda dubju li dan kien xogħol fuq livell nazzjonali u bl-ebda mod partiġġjan, u huwa proprju għalhekk li l-ilment għandu jiġi miċħud.*"

26. Ir-risposta tal-Onor. Ellul kienet tinkludi numru ta' rapporti fil-ġurnali dwar il-miżuri li rrefera għalihom, u anki abbozzi ta' leġiżlazzjoni. Dawn mhumiex relevanti għal dan il-każ u mhumiex qegħdin jiġu riprodotti hawn.

**Konsiderazzjonijiet**

27. Bla dubju, il-konsultazzjoni pubblika dwar il-miscarriage leave kienet inizjattiva pożittiva. Madankollu, l-investigazzjoni ta' dan l-Uffiċċju ma tikkonċernax l-inizjattiva fiha nnifisha, u lanqas il-fatt li dik l-inizjattiva ngħatat pubbliċità mill-gvern. L-investigazzjoni tikkonċerna biss il-fatt li s-Segretarju Parlamentari Andy Ellul deher fil-pubbliċità. Kif qal is-sottoskritt fir-rapport tiegħu dwar il-każ K/053, "*anke jekk avveniment ikun jimmerita pubbliċità, dan ma jfissirx li ministru għandu jidher personalment fit-tali pubbliċità. Jekk ministru jidher personalment f'riklam tal-gvern, dan jista' jagħti x'jifhem li l-ministru qiegħed jieħu vantaġġ mir-riklam biex jippromwovi lilu nnifsu.*"[13]

28. L-istess prinċipju jgħodd għall-pubbliċità li tingħata lil kwalunkwe inizjattiva tal-gvern. Id-distinzjoni magħmula mill-Onor. Ellul bejn avvenimenti pubbliċi u inizjattivi oħra hija artifiċjali. Fi kwalunkwe każ, il-konsultazzjoni pubblika dwar il-miscarriage leave tnediet permezz ta' laqgħa li ġiet deskritta minn xi kmamar tal-aħbarijiet bħala konferenza nazzjonali,[14] u għalhekk żgur tista' titqies bħala avveniment pubbliku.

29. L-Onor. Ellul qal li l-artiklu li hu s-suġġett tal-ilment ġie ppubblikat fuq deċiżjoni tal-editur tal-*MaltaToday*. Madankollu, kif qal l-Onor. Ellul stess, l-artiklu kien parti minn kampanja ta' informazzjoni li ħallas għaliha l-gvern.

---

13 Rapport dwar il-każ K/053, paragrafu 47.

14 Ara d-Dok B anness mad-Dokument 3, kif ukoll https://timesofmalta.com/article/all-i-cry-women-share-stories-baby-loss-maternity-wards.1107912 u https://one.com.mt/tiskatta-konsultazzjoni-pubblika-dwar-il-miscarriage-leave/.

Allura kien riklam, mhux materjal ġurnalistiku jew editorjali ppubblikat mill-ġurnal fid-diskrezzjoni tiegħu.

30. Normalment, min iħallas għal riklam jiddetermina jew tal-anqas japprova l-kontenut tar-riklam. Is-sottoskritt mhux lest jemmen li l-uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari Ellul ħallas €4,900 għall-pubblikazzjoni ta' erba' artikli u banner mingħajr ma kien involut fid-deċiżjonijiet dwar il-kontenut tal-artikli u l-għażla tar-ritratti li ġew ippubblikati magħhom. Fi kwalunkwe każ, ministeru jew uffiċċju ieħor tal-gvern li jħallas għal riklam huwa responsabbli biex jiżgura li dak ir-riklam jissodisfa r-rekwiżiti tal-etika, u ma jistax jitfa' din ir-responsabbiltà fuq ħaddieħor.

31. Il-fatt li żewġ deputati tal-oppożizzjoni dehru f'artiklu ieħor li ġie ppubblikat bħala parti mill-istess kampanja ta' informazzjoni mhux relevanti għal dan il-każ, għaliex dawk id-deputati ma jaqgħux taħt il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari. Madankollu, ġaladarba ssemma dan it-tieni artiklu, is-sottoskritt għandu jirrapporta li fis-17 ta' April 2025 iż-żewġ deputati in kwistjoni, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Graziella Attard Previ, kitbu lil dan l-Uffiċċju biex jgħidu li l-artiklu in kwistjoni ġie ppubblikat mingħajr ma ġew informati jew ikkonsultati dwaru (**Dokument 5**).

**Konklużjonijiet**

32. Għar-raġunijiet mogħtija fuq, is-sottoskritt jidhirlu li dan il-każ jirrappreżenta użu mhux xieraq ta' fondi pubbliċi; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' deputat; u nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, billi skont il-proċedura normali n-nefqa fuq ir-riklam kellha tiġi approvata minn uffiċjali fis-servizz pubbliku. Dan jinvolvi l-ksur tal-artikoli 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

33. Kif diġà ġie spjegat f'dan ir-rapport, is-sottoskritt ma jaċċettax l-argument tal-Onor. Ellul li l-każ K/053 mhux relatat mal-każ preżenti għaliex kien jittratta dwar il-promozzjoni ta' avveniment pubbliku. Il-ksur ta' etika li seħħ fil-każ K/053 ġie ripetut fil-każ preżenti minkejja li l-Onor. Ellul kien impenja ruħu li dan ma jergax iseħħ, u reġgħu nkisru d-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' etika ministerjali li kienu nkisru fil-każ K/053.

34. Għalhekk is-sottoskritt jidhirlu li l-każ preżenti ma jistax jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, u għandu jiġi riferut lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

35. Skont il-proċedura miftehma mal-Kumitat fit-2 ta' April 2019, dan l-Uffiċċju qed jinforma lill-Ilmentatur u lis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul li r-rapport ġie sottomess lill-Kumitat, u dan mingħajr ma jingħataw kopja tiegħu. Huwa rakkomandat li l-Kumitat –

(a) jirrilaxxa dan ir-rapport kemm jista' jkun malajr fl-interess tat-trasparenza; u

(b) jagħti bidu għall-proċess imsemmi fl-artikolu 3(4) tal-Att biex il-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021 jiġu inkorporati fil-kodiċi ta' etika ministerjali, kif indikat fl-ittra tas-sottoskritt tat-18 ta' Lulju 2023.

36. It-twettiq tat-tieni rakkomandazzjoni sar aktar importanti fid-dawl tar-Regolament (UE) 2024/900 tal-Unjoni Ewropea dwar it-trasparenza fir-riklami politiċi. Dan ir-regolament ġie adottat f'Marzu tal-2024 u beda jorbot lil kull pajjiż membru tal-Unjoni f'Ottubru tas-sena preżenti. Skont dan ir-regolament, reklam politiku għandu jiġi identifikat b'mod ċar bħala tali, u għandu jiġi akkumpanjat minn avviż li jgħid fost affarijiet oħra kemm jiswa r-riklam u min ħallas għalih.[15]

37. Fil-fehma tas-sottoskritt, huwa possibbli li riklam tal-gvern li jagħti pubbliċità personali lil xi ministru jew segretarju parlamentari jitqies bħala riklam politiku skont ir-regolament. Dan jista' potenzjalment iwassal għal proċeduri kontra Malta minħabba nuqqas ta' osservanza tar-regolament. Għalhekk huwa fl-interess nazzjonali li r-riklami tal-gvern jiġu regolati lokalment b'mod li ma jqumux aktar dubji dwar l-għan veru tagħhom.

38. Sakemm is-sitwazzjoni tibqa' kif inhi fil-preżent, is-sottoskritt bi ħsiebu jkompli jinterpreta l-kodiċi ta' etika ministerjali fid-dawl tal-linji gwida f'każijiet li jinvolvu riklami jew materjal promozzjonali tal-gvern.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

---

15 Ara https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/03/11/eu-introduces-new-rules-on-transparency-and-targeting-of-political-advertising/. Ir-regolament innifsu huwa aċċessibbli minn https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L_202400900&qid=1744272335599.

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument 1 | Ittra datata 14 ta' April 2025 mingħand l-Onor. Dr Karol Aquilina. |
| Dokument 2 | Ittra datata 21 ta' April 2025 lis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul. |
| Dokument 3 | Ittra datata 20 ta' Mejju 2025 mingħand is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul. |
| Dokument 4 | Ittra datata 11 ta' Novembru 2025 mingħand is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul. |
| Dokument 5 | Email datata 17 ta' April 2025 mingħand l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Graziella Attard Previ. |

DOKUMENT 1

KAROL AQUILINA
Membru Parlamentari

14 ta' April 2025

Il-Prim Imħallef Emeritu Dott. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta VLT 1210

Għażiż Sur Kummissarju,

**Rig: Ilment dwar reklam mis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul**

Nhar il-Ħadd 13 ta' April 2025 f'paġna numru 4 tal-gazzetta Maltatoday ġie ppubblikat reklam li ġie mħallas minn fondi pubbliċi u li kopja tinsab mehmuża ma' din l-ittra.

Dan ir-reklam huwa fil-forma ta' artiklu ppubblikat bi ħlas li fih jissemma u huwa kkwotat b'mod estensiv dak li qal is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul. Il-paġna tal-artiklu tinkludi wkoll ritratt kbir li fih jidher is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul. Fil-ġenb tal-artiklu tidher il-frażi "THIS IS A PAID COLLABORATION" liema frażi tikkonferma li sar ħlas biex ġie ppubblikat u għalhekk jikkostitwixxi reklam.

Kif m'għandix dubju li taf, il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi:

> 4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.
>
> 4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.
>
> [...]
>
> 5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.
>
> [...]
>
> 7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.

M'għandix dubju wkoll li taf li l-Guidelines on Government Advertising and Promotional Material ippubblikati nhar it-2 ta' Awwissu 2021 jipprovdu:

> 2.3 *Inter alia*, government advertising may include:
>
> [...]
>
> (d) advertorials, that is to say articles or opinion pieces that include more content than a normal advertisement but are still placed against payment; and

m. [redacted] e. karol@karolaquilina.mt w. karolaquilina.mt

(e) sponsored interviews, features, and TV/radio/podcast spots and broadcast programmes in which the sponsor determines the interview questions or programme content

[...]

2.4 Communications that are normally published against payment, but which are not on any particular occasion, are still covered by these guidelines. These may include opinion pieces, features or video clips that are ostensibly carried without charge by media houses but are in fact part of a paid package.

[...]

3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.

[...]

3.7 A publication of the kind mentioned in paragraph 3.6(a) or 3.6(b) may include content referring to ministers, provided that –

[...]

(c) the publication is not circulated or broadcast against payment, or by means that would normally require payment, such that it would qualify as an advertisement for the purposes of these guidelines.

[...]

3.10 Government advertisements and promotional material should carry official logos or otherwise make it clear that they have been produced by or for the government. This applies in particular to advertorials and sponsored interviews or programmes and any paid content. The public should be made aware that such articles have been paid for with public funds. Government-sponsored publications should carry a declaration to that effect.

Fil-fehma tiegħi r-reklam li huwa s-suġġett ta' dan l-ilment jirrappreżenta ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari mis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

Ippermettli nfakkrek u nenfasizza miegħek li fir-rapport tal-Każ Nru K/045 dwar pubblikazzjoni ta' reklam imħallas minn fondi pubbliċi għall-iskop ta' pubbliċità personali da parti tal-Ministru Clyde Caruana, inti kont ikkonkludejt hekk:

"24. Jekk ministru *jidher* f'riklam maħsub biex jippubbliċizza miżura meħuda mill-gvern, dan jagħti x'jifhem li l-ministru qed jipprova jagħmel gwadann politiku jew personali billi jieħu l-kreditu għat-tali miżura f'għajnejn il-pubbliku. Dan jirrappreżenta abbuż ta' fondi pubbliċi, sija pure f'dan il-każ ta' ammont żgħir ħafna; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' deputat; u nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, billi l-proċedura amministrattiva titlob li uffiċjali fis-servizz pubbliku japprovaw in-nefqa fuq ir-riklam in kwistjoni.

25. Hija għal din ir-raġuni li l-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021 jipprojbixxu l-użu tar-ritratti jew l-ismijiet ta' ministri f'riklami uffiċjali mħallsa minn fondi pubbliċi.".

Nitolbok tinnota u tikkunsidra wkoll li din mhix l-ewwel darba li s-Segretarju Parlamentari Andy Ellul għamel reklam għalih innifsu mħallas minn fondi pubbliċi. F'każ separat (Każ Nru K/053) is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul għamel apoloġija bil-miktub talli deher f'pubbliċità uffiċjali li saret għal avveniment pubbliku u ntrabat li dan ma jerġax isir fil-futur. F'dan is-sens nirreferi għall-aħħar sentenza tal-ittra tas-Segretarju Parlamentari Andy Ellul indirizzata lilek u bid-data tal-24 ta' Settembru 2024 u li kopja tagħha tinsab mmarkata bħala Dokument H u mehmuża mar-rapport tiegħek dwar il-Każ Nru K/053.

Għalhekk huwa ċar li minkejja d-diversi deċiżjonijiet tiegħek dwar każijiet simili, jidher li l-Prim Ministru, il-Ministri u s-Segretarji Parlamentari qegħdin jibqgħu jagħmlu reklami għalihom nfushom imħallsin minn fondi pubbliċi bi ksur ċar u sfaċċat tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

Għaldaqstant filwaqt li qiegħed inressaq dan l-ilment għall-konsiderazzjoni tiegħek, ġentilment nitolbok twettaq investigazzjoni u tasal għal dawk il-konklużjonijiet u tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhirlek li jkunu xierqa f'dan il-każ. Jiena nibqa' fi kwalunkwe ħin u ċirkostanzi dispost li nipprovdik bl-informazzjoni u bl-ispjegazzjonijiet li tista' tkun meħtieġ.

Inselli għalik,



Karol Aquilina
Shadow Minister għall-Ġustizzja

THIS IS A PAID COLLABORATION

# Consultation process begins on Miscarriage Leave




## Government announces it will be funding Miscarriage Leave

On Wednesday morning, the Government launched a consultation process led by the Parliamentary Secretary for Social Dialogue, Dr Andy Ellul. The process brought together individuals from various sectors of society to discuss the introduction of Miscarriage Leave. Representatives from the medical community, psychologists, psychiatrists, trade unions, employer associations, and even individuals who have experienced miscarriage and spoken openly about it were invited to share their views and experiences. The aim is for the Government to responsibly shape the policy around Miscarriage Leave.

A significant point that emerged from these discussions is that, although official statistics show that around 300 miscarriages occur annually in Malta, the actual number may be as high as 1,000 per year due to various circumstances that lead to cases not being formally recorded.

It was for this reason that, on International Women's Day, the Prime Minister announced that discussions on Miscarriage Leave had commenced, with the goal of strengthening workers' rights. These discussions are being coordinated by the Parliamentary Secretariat for Social Dialogue.

"Malta must continue to be at the forefront of protecting workers' dignity. This is a national initiative we are undertaking together for the benefit of all Maltese and Gozitan couples," stated Dr Ellul. He stressed that the state must show seriousness in supporting these couples during times of need, especially when the physical and emotional toll is high. He also mentioned that the discussion must include several factors — such as whether the father or the second parent in same-sex couples will also be entitled to this leave.

Another important point is whether a woman has the right to keep her pregnancy private and decide when to inform her employer. The same applies to the employer's rights and how they can ensure a healthy work environment when unaware that an employee is expecting.

Dr Ellul explained how easily and quickly social partners can be brought to the table to make bold decisions that significantly improve the quality of life for the people. He announced that, in the case of this measure, the Government will be covering all financial costs associated with its implementation.

Dr Ellul concluded by saying, "Our ultimate goal is that no one feels alone during this difficult moment. Creating a policy that helps, supports, and provides the appropriate time for grief to those affected is our duty. Only in this way can workers and their families remain at the center of our social policy," emphasized the Parliamentary Secretary.

This discussion was just one of a series of consultations that will be taking place regarding the introduction of Miscarriage Leave.

*On International Women's Day, the Prime Minister announced that discussions on Miscarriage Leave had commenced, with the goal of strengthening workers' rights. These discussions are being coordinated by the Parliamentary Secretariat for Social Dialogue*

DOKUMENT 2

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

21 ta' April 2025

L-Onor. Dr Andy Ellul
Segretarju Parlamentari għad-Djalogu
Soċjali

Bl-email fuq andy.ellul@gov.mt

Onor. Segretarju Parlamentari,

**Każ K/075 dwar riklam imħallas minn fondi pubbliċi**

Irċevejt ilment dwar artiklu ppubblikat bi ħlas fil-ġurnal MaltaToday fit-13 ta' April 2025. L-ilment jallega li l-artiklu in kwistjoni jirrappreżenta ksur ta' etika peress li deher bħala riklam (advertorial) imħallas minn fondi pubbliċi u tidher fih inti. L-ilment huwa anness ma' din l-ittra.

Jiena qed nikkunsidra dan l-ilment fid-dawl tal-artikoli 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

Qed nikkunsidra dan l-ilment ukoll fid-dawl tal-paragrafi 2.3(d) u 3.5 tal-linji gwida li ġew maħruġa minn dan l-Uffiċċju biex jikkjarifikaw kif għandu jiġi interpretat il-kodiċi ta' etika ministerjali f'każijiet li jinvolvu riklami jew materjal promozzjonali tal-gvern. Dawn il-linji gwida huma aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/guidelines-government-advertising-promotional-material.pdf.

Inti ġentilment mitlub tagħti l-veduti tiegħek b'mod ġenerali dwar il-punti mqajma fl-ilment, u b'mod partikolari tgħidli:

(a) kemm sewa flus ir-riklam li hu s-suġġett tal-ilment;

(b) jekk tikkonsidrax li l-apparenza tiegħek f'dan ir-riklam kien ġustifikat fl-interess pubbliku, u jekk iva, għalfejn;

(c) jekk ir-riklam jirrispettax id-distinzjoni bejn l-irwol tiegħek bħala segretarju parlamentari u bħala politiku fil-kapaċità personali tiegħek; u

(d) jekk ir-riklam jaffettwax l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li l-ħlas għalih preżumibbilment ġie awtorizzat minn uffiċjal pubbliku.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Erbgħa 21 ta' Mejju 2025**. Aktar tard tista' tintalab tikkonferma r-risposti tiegħek bil-ġurament.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT 3

20 ta' Mejju 2025

**Lill-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

Għażiż Kummissarju, Prim Imħallef Emeritus,

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata l-21 t'April 2025 inkonnessjoni mal-investigazzjoni li l-uffiċċju tiegħek intalab jagħmel mill-Onorevoli Karol Aquilina b'referenza għall-"Każ K/075 dwar riklam imħallas minn fondi pubbliċi".

Nibda biex nisħaq li l-artiklu li għalih jagħmel referenza l-ilmentatur jipprovdi informazzjoni dwar tema purament mhux partiġġjana, imma waħda ta' interess pubbliku.

F'dak li qiegħed nagħmel jien f'isem il-Gvern, jigifieri li noħloq diskussjoni fil-pajjiż dwar l-introduzzjoni ta' *miscarriage leave,* huwa proprju bil-għan li kemm jista' jkun ikollna konsultazzjoni wiesgħa dwar tema sensittiva li żgur ma tarax kuluri politiċi. F'dan kollu jien qed naġixxi fil-vesti tiegħi ta' Segretarju Parlamentari u huwa fid-dmir u fid-dover tiegħi li ninforma l-pubbliku dwar dan kollu.

Kif ser inkun qed nispjega, mal-MediaToday (il-media house li tippubblika l-ġurnal MaltaToday) intleħaq ftehim sabiex joffru kampanja ta' informazzjoni dwar it-tema tal-*miscarriage leave*. Irrid ngħid li l-pubblikazzjoni tal-artiklu in kwistjoni kienet deċiżjoni tal-editur, li uża ritratt li kien diġà, kif ser nispjega, fid-dominju pubbliku. Irrid inkun ċar li hawnhekk bl-ebda mod ma jien qiegħed nipprova nitfa' xi tort fuq il-ġurnalist.

Apparti l-artiklu li dwaru sar l-ilment, bħala parti minn din il-kampanja ta' informazzjoni, tlett ijiem biss wara, ġie ippubblikat artiklu ieħor fuq il-MaltaToday bit-titlu '*A United Stand on Miscarriage Leave in Malta*' (Dok. 'B'). Hawnhekk jidhru żewġ Deputati tal-Oppożizzjoni, ossia l-Onorevoli Ivan Castillo u l-Onorevoli Graziella Attard Previ. Dawn id-Deputati mhux talli kienu

mistiedna għall-avveniment nazzjonali li tellajna dwar l-introduzzjoni tal-*miscarriage leave*, imma talli għamlu intervent u kien l-uffiċċju tiegħi stess li għaddhielhom kopja tar-ritratti fejn jidhru huma sabiex ikunu jistgħu jużawhom fuq il-mezzi socjali tagħhom. Dan juri biċ-ċar l-animu tiegħi li nitratta dan is-suġġett bħala xi ħaġa nazzjonali u mhux partiġġjana, intiża biex tiġġenera għarfien u dibattitu.

Għalhekk ma nistax ma nesprimix id-diżappunt tiegħi għal mod ta' kif Aquilina lanqas huwa kapaċi jitfa' mal-ġenb il-partiġġjaniżmu politiku f'tema daqshekk sensittiva li tolqot numru ta' familji.

Hawn isfel qiegħed nagħti risposta, b'mod kronoloġiku, għal kull mistoqsija li saritli.

**Tweġiba għall-mistoqsijet, hawn riprodotti, mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.**

a) Kemm sewa flus ir-riklam li hu s-suġġett tal-ilment?

Il-ftehim mal-MediaToday (*dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'Ċ' li jindika kemm ser tiswa din il-kampanja ta' informazzjoni*), huwa dwar xogħol medjatiku fit-totalità tiegħu u mhux dwar artiklu wieħed. Għandu jingħad li din il-konferenza, li dwarha kien l-artkilu, kienet miftuħa għall-pubbliku u r-ritratt suġġett għal dan l-ilment kien diġà ġie ppubblikat fi stqarrija maħruġa mill-Gvern (Dok. 'D'). Dan ir-ritratt kien ukoll diġà ġie ppubblikat diversi drabi f'ġurnali u news portals oħra, kif jirriżulta minn diversi artikli hawn annessi u kollettivament immarkati bħala Dok. 'E'.

b) Jekk tikkonsidrax li l-apparenza tiegħek f'dan ir-riklam kien ġustifikat fl-interess pubbliku, jekk iva, għalfejn?

Bħala politiku responsabbli biex nintroduċi l-*miscarriage leave* f'pajjiżna, ħassejt mhux biss id-dmir, imma l-obbligu li nixpruna kampanja ta' informazzjoni li għadha għaddejja sallum il-ġurnata. Tant kemm l-uffiċċju tiegħi ried jara li l-interess pubbliku jkun imħares, illi fil-kampanja kienu involuti l-membri tal-Oppożizzjoni, u dan sabiex nuru għaqda bħala pajjiż fuq tema daqshekk sensittiva.

c) Jekk ir-riklam jirrispettax id-distinzjoni bejn l-irwol tiegħek bħala Segretarju Parlamentari u bħala politiku fil-kapaċità personali tiegħek;

It-tweġiba tiegħi għal din il-mistoqsija hija indubbjament fl-affermattiv. Bla preġudizzju għas-suespost, bħala Gvern għandna obbligu li noħolqu għarfien dwar leave ġdid li ddikjarajna li konna ser nibdew diskussjoni dwaru. Nibqa' ntenni li jien kont qiegħed naġixxi fil-vesti tiegħi ta' Segretarju Parlamentari responsabbli mid-Djalogu Soċjali. Anzi, nisħaq illi kieku proprju ma ħdimtx fuq kampanja ta' informazzjoni kont inkun qed nonqos. M'għandix dubju li l-uffiċċju tiegħek segwa mill-qrib dwar l-interess li qajmet l-ewwel konferenza nazzjonali dwar il-*miscarriage leave* f'pajjiżna, li proprju serviet bħala l-punt tat-tluq għal din l-inizjattiva tal-Gvern. Wieħed ma jistax ma jsemmix li bis-saħħa ta' dak li qed nagħmlu resqu 'l quddiem, biex jaqsmu l-esperjenza tagħhom dwar din il-wegħġa, numru ta' nisa u l-maħbubin tagħhom.

d) Jekk ir-riklam jaffettwax l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li l-ħlas għalih preżumibbilment ġie awtorizzat minn uffiċjal pubbliku.

Mingħajr preġudizzju għal dak li diġà spjegajt, dan l-artiklu jirrigwarda attività tal-Gvern u bl-ebda mod ma jagħmel aċċenn għax-xogħol politiku tiegħi fuq livell partiġġjan jew saħansitra relatat mal-kostitwenza tiegħi.

Għalhekk bl-ebda mod ma jista' jiġi interpretat li affettwa l-imparzjalità tas-servizz pubbliku.

Kieku naslu għall-konklużjoni li temi bħal dawn jaffettwaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, kieku inkunu qed neliminaw kompletement l-element uman mill-politika, xi ħaġa li jien żgur m'iniex bi ħsiebni nagħmel kemm indum nagħti s-servizz tiegħi bħala politiku.

L-ilmentatur Aquilina, b'mod skorett għall-aħħar, qal hekk fl-ittra tiegħu:

*"Nitolbok tinnota u tikkunsidra wkoll li din mhix l-ewwel darba li s-Segretarju Parlamentari Andy Ellul għamel reklam għalih innifsu mħallas minn fondi pubbliċi. F'każ separat (Każ Nru K/053) is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul għamel apoloġija bil-miktub talli deher f'pubbliċità uffiċjali li saret għal avveniment pubbliku u ntrabat li dan ma jerġax isir fil-futur. F'dan is-sens nirreferi għall-aħħar sentenza tal-ittra tas-Segretarju Parlamentari Andy Ellul indirizzata lilek u bid-data tal-24 ta' Settembru 2024 […]."*

Fl-apoloġija tiegħi, li semma Aquilina, jien kont ċar ħafna fejn spjegajt li tali apoloġija kienet limitata dwar "promozzjoni ta' avvenimenti pubbliċi …", u l-Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena (li dwaru kien l-ilment), kien proprju avveniment pubbliku fejn jien kont qed ninkoraġixxi lin-nies jinnominaw ħaddiema **Maltin biex jiġu ikkunsidrati għal dan il-premju nazzjonali tant prestiġġjuż.** Fil-każ odjern, mhux qed nitkellmu dwar l-ebda avveniment bħalma huwa l-Premju Ħaddiem tas-Sena, imma speċifikament dwar miżura u għarfien fuq tema sensittiva li sa ftit tal-ġranet ilu kulħadd kien iħoss skumdità jitkellem dwarha.

Għalhekk Aquilina huwa kompletement skorett f'dak li qal fl-ittra tiegħu tal-14 t'April 2025.

*Di piú,* umilment nirrepeti dak li diġà għidt lill-uffiċċju tiegħek preċedentement, u ċioè:

*"Madankollu, umilment nirrileva li l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari (it-Tieni Skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (KAP570)), u senjatament klawsola numru*

*10, titfa' responsabbiltà wkoll fuqi bħala Segretarju Parlamentari ngħarraf (10.1) "... lill-pubbliku u lill-media bl-attivitajiet ministerjali fuq bażi regolari u b'mod organizzat". Fl-istess waqt, klawsola 10.4 ttenni illi "fl-interess pubbliku, il-Ministri għandhom jaraw li jkollhom komunikazzjoni miftuħa mal-imsieħba soċjali, għaqdiet mhux governattivi, għaqdiet professjonali, mezzi tax-xandir u pubbliku inġenerali* [...]*".*

*Finalment, nerġa' ntenni l-pożizzjoni diġà espressa fil-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-bżonn li nħarsu lejn 'Guidelines on Government Advertising and Promotional Material" ippubblikati mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika preċedenti, b'tali mod li nassiguraw li dawn jilħqu l-iskop tagħhom, b'rispett lejn ir-responsabbiltajiet kollha stabbiliti fil-kodiċi tal-etika."*

**Illi din il-kampanja ta' informazzjoni qed issir propju fl-ispirtu ta' dawn ir-responsabbiltajiet espressi fil-kodiċi ta' Etika u għall-ebda skop ieħor.**

Nikkonkludi billi nisħaq li l-ilment huwa purament intiż biex ifixxkel il-ħidma tagħna u saħansitra jirrappreżenta l-fieragħ.

Għalhekk l-ilment għandu jiġi miċħud u ddikjarat bħala frivolu.

Daqstant għandi x'nissottometti lil wisq rispettat Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Inselli għalik,

Andy Ellul

Dok A

## Mangion Sean at OPM-EES

**From:** Mangion Sean at OPM-EES
**Sent:** Thursday, 13 March 2025 12:48
**To:** Cassar Matthew 1 at OPM-EES
**Subject:** FW: MEDIATODAY MEDIUMS - RATE CARDS

**Follow Up Flag:** Follow up
**Flag Status:** Flagged

Dear Matthew

Attached the quote pertaining to Maltatoday for the upcoming campaign to Miscarriage Leave.


Sean Mangion
Head of Secretariat
Parliamentary Secretariat for Social Dialogue

e sean.mangion.3@gov.mt
socialdialogue.gov.mt | publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku


*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*


OFFICE OF THE PRIME MINISTER

EUROPEAN FUNDS, EQUALITY, REFORMS AND SOCIAL DIALOGUE

46, PALAZZO SPINOLA - 6TH FLOOR, ST. CHRISTOPHER'S STREET,
VALLETTA, MALTA


---

**From:** Adriana Farrugia <AFarrugia@mediatoday.com.mt>
**Sent:** Thursday, 13 March 2025 09:07
**To:** Mangion Sean at OPM-EES <sean.mangion.3@gov.mt>
**Cc:** Schembri Karl at OPM-EES <karl.schembri.2@gov.mt>
**Subject:** Re: MEDIATODAY MEDIUMS - RATE CARDS


CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.


Good morning Sean.

Apologies for yesterday 🙂

Please find package according to the agreed budget running for a period of 4 months from April 2025 to July 2025.

X 4 full page articles on Maltatoday (1 per month) on both print and reproduced online
X 8 weeks portal banners on Home page (any weeks from April to July) on maltatoday.com.mt - illum.com.mt - businesstoday.com.mt (send me both rectangular banner and leaderboard and I will upload wherever available).

Total: €7800 + vat disc to €4900 + vat

Looking forward to your feedback.

Kind regards

Adriana Farrugia
Head of Sales

Mediatoday Co Ltd
Vjal Ir-Rihan
San Gwann

VAT: MT1663-2722
Tel: 21382741 Ext:126
Mobile: [redacted]

Dok B.



# A United Stand on Miscarriage Leave in Malta


Yasmine Farrugia Helledie, Dr Alberto Vella, Dr Steffi Borg Bartolo


Josef Vella, Dr Matthew Brincat


Hon. Graziella Attard Previ MP


Prof Yves Muscat Baron


Hon. Ivan Castillo MP

Showing empathy, recognising loss, and allowing time to grieve while supporting women and their families through miscarriage emerged as the unanimous sentiment at the Miscarriage Leave National Conference.

This first national consultation aimed to open an honest dialogue about the needs of those affected by pregnancy loss, with the goal of shaping a compassionate and responsible policy framework. One of the most striking insights was the stark gap between official statistics and lived realities. While records indicate around 300 miscarriages annually in Malta, the true number may be closer to 1,000—many of which go unreported.

What made this consultation particularly noteworthy was the broad consensus among diverse voices: members of the medical profession, psychologists and psychiatrists, women's organisations, employer and trade union representatives, and Members of Parliament from both Government and Opposition—an extraordinary alignment we're not accustomed to.

The emotional testimonies of Yazmine Farrugia Helledie and Melanie Kelly brought a powerful silence to the room. Their personal stories allowed everyone present to feel and understand the depth of loss—the lifelong pain of a dream ending before it even began, of losing a loved one who never had the chance to be named.

Across all panels and professional contributions, one shared conviction stood out: miscarriage leave should apply to both prospective parents. This should not be classified as sick leave, but rather as a distinct, specialised form of leave. It must be paid time off that acknowledges the physical recovery needed and the emotional journey of grief—a chance to pause, reflect, and begin healing.

Important questions were raised: How long should miscarriage leave be? Who should benefit from it? How should it be communicated to an employer?

Participants also delved into the importance of privacy. Many women choose not to disclose early-stage pregnancies, which makes miscarriage difficult to report in traditional systems. The discussion stressed the need for a framework that respects confidentiality while safeguarding employees' wellbeing in the workplace.

A clear message echoed throughout the event: we must cultivate a work culture and a society that truly understands and supports the need to step away from work in times of loss. A society and workplace that do not only allow space for grief—but honour it.

Leave following a miscarriage should not be a luxury. It should be a right. A right for couples facing the painful end of a chapter they never imagined would close so suddenly. This leave is a recognition that miscarriage is a real loss—one that carries profound grief, both visible and invisible, but always deeply felt.

This consultation marks the beginning of an important and sensitive journey—one that will unfold through a series of national discussions in the coming weeks.

THIS IS A PAID COLLABORATION

Dok Ċ

# MEDIA TODAY CO LTD

Vjal ir-Rihan
San Gwann SGN9016
Malta

Tel:+356 21382741/2/3 Fax:+356 21381992
VAT Reg. No: MT16632722

OPM - AUBERGE DE CASTILLE
ST PAULS STREET
VALLETTA
VLT1061

VAT Reg. No: MT2564-5419

**Date** 13 Apr 2025

**A/C Code** OPM004
**Sys Ref** 00149139
**Int Ref** IN 045618
**Ext Ref** AF

**Page** 1

## Invoice 045618

| Details | EUR | VAT % |
|---|---|---|
| MALTATODAY & MALTATODAY.COM.MT - MISCARRIAGE CAMPAIGN - REF: 1000422 - BO: 40247755 | 4,900.00 | 18.0 |
| Subtotal | 4,900.00 | |
| VAT Amt | 882.00 | |
| **TOTAL EUR** | **5,782.00** | |

| VAT Rate | Amount | VAT Amount |
|---|---|---|
| 18.0 | 4,900.00 | 882.00 |
| | **4,900.00** | **882.00** |

## MEDIA TODAY CO LTD

Bankers: Bank of Valletta plc
Bank Address: Saqqajja Sqr, Rabat, Malta
Bank Swift Code: VALLMTMT
IBAN Number: MT71 VALL 2201 3000 0000 4001 3525 383

Terms of payment, 30 days. 8% Interest will be charged if not settled within our terms of Payment. Failure to effect payments when due will constitute a default. In the event of a default, the company (MEDIATODAY Co. Ltd.) shall have the right to refer such defaults to a credit reference agency/ies e.g. Creditinfo Malta for registration in it's database.

Dok D

PR250586
**09/04/2025**

# STQARRIJA MIS-SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI Il-Gvern iħabbar li se jkun qiegħed jiffinanzja l-Miscarriage Leave

- **Jibda proċess ta' konsultazzjoni dwar il-Miscarriage Leave**

L-Erbgħa filgħodu, il-Gvern skatta proċess ta' konsultazzjoni mmexxi mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali Andy Ellul, li fih laqqa' persuni ġejjin minn faxex differenti tas-soċjetà, biex flimkien jiddiskutu l-introduzzjoni tal-Miscarriage Leave.

Mill-komunità medika, psikologi, psikjatri, trade unions u għaqdiet ta' min iħaddem, sa anke nies li ġarrbu korriment u tkellmu dwaru b'mod miftuħ — kollha kienu mistiedna jagħtu l-opinjonijiet u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom bil-għan li l-Gvern ikun jista' jfassal b'mod responsabbli l-Miscarriage Leave.

Minn dawn l-interventi ħareġ ukoll fatt importanti: għalkemm l-istatistiki uffiċjali juru li f'Malta jkun hawn madwar 300 korriment fis-sena, fil-verità l-għadd jista' jilħaq sa 1,000 korriment fis-sena minħabba ċirkostanzi varji li jwasslu biex mhux kull każ jiġi rreġistrat.

Kien għalhekk li f'Jum il-Mara l-Prim Ministru ħabbar li kienu bdew diskussjonijiet dwar il-Miscarriage Leave, bil-għan li jissaħħu d-drittijiet tal-ħaddiema, liema diskussjoni bdiet tiġi kkordinata mis-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul ħabbar li fil-każ ta' din il-miżura, il-Gvern se jkun qiegħed jassumi l-ispejjeż kollha finanzjarji marbuta mal-implimentazzjoni tagħha.

"Malta għandha tkompli tkun minn ta' quddiem nett fil-ħarsien tad-dinjità tal-ħaddiem. Din hija inizjattiva li qed nieħdu flimkien bħala nazzjon għall-ġid tal-koppji kollha Maltin u Għawdxin. Jeħtieġ li l-istat juri li qiegħed wara dawn il-koppji matul dawn il-mumenti diffiċli," qal is-Segretarju Parlamentari.

Huwa semma li trid issir diskussjoni dwar diversi fatturi fosthom jekk dan il-leave għandux japplika għall-missier prospettiv jew it-tieni ġenitur f'każijiet ta' koppji tal-istess sess. Fattur ieħor huwa dwar jekk mara għandhiex dritt iżżomm it-tqala għaliha u tiddeċiedi hi meta tgħid lil min iħaddimha li hija tqila. L-istess japplika għad-drittijiet ta' min iħaddem u kif dan se jassigura ambjent sa meta ma jkunx jaf li impjegata qed tistenna tarbija.

"L-għan aħħari tagħna huwa li ħadd ma jibqa' jħossu waħdu f'dan il-mument diffiċli. Kommessi li noħolqu politika li tgħin, tappoġġja u tagħti l-ħin xieraq għal dan it-telf lill-persuni affettwati. Għaliex il-ħaddiema u l-familji tagħhom jibqgħu fiċ-ċentru tal-politika soċjali tagħna," temm jgħid is-Segretarju Parlamentari Ellul.

Din id-diskussjoni kienet biss waħda minn sensiela ta' diskussjonijiet li se jkun qegħdin isiru dwar l-introduzzjoni tal-Miscarriage Leave.


miscarri
EAVE

DOKUMENT 4

11 ta' Novembru 2025

**Lill-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

Għażiż Kummissarju, Prim Imħallef Emeritus,

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata l-20 t'Ottubru 2025 inkonnessjoni mal-investigazzjoni li l-uffiċċju tiegħek intalab jagħmel mill-Onorevoli Karol Aquilina b'referenza għall-"Każ K/075 dwar riklam imħallas minn fondi pubbliċi".

Qabel xejn nilqa' b'mod pożittiv li l-uffiċċju tiegħek straħ fuq ir-risposta tiegħi u għalhekk nifhem li l-fatti kif spjegati minni ġew meħuda bħala veritiera u fattwali.

Nieħu din l-opportunità sabiex nispjega dak li ħareġ mill-konsultazzjoni pubblika propju dwar il-miscarriage leave u x'impatt pożittiv din kellha fuq is-soċjetà tagħna.

Fir-risposta li ssottomejt f'Mejju 2025, jien kont għidt propju hekk:

*'F'dak li qiegħed nagħmel jien f'isem il-Gvern, jigifieri li noħloq diskussjoni fil-pajjiż dwar l-introduzzjoni ta' miscarriage leave, huwa proprju bil-għan li kemm jista' jkun ikollna konsultazzjoni wiesgħa dwar tema sensittiva li żgur ma tarax kuluri politiċi.'*

Fil-fatt, matul ix-xhur sussegwenti ħareġ biċ-ċar kemm verament din il-konsultazzjoni serviet ta' ġid għas-soċjetà tagħna għaliex ġew indirizzati sitwazzjonijiet li kienu qed joħolqu tbatija bla bżonn lil ċerti ġenituri f'wieħed mill-aktar mumenti vulnerabbli f'ħajjithom. Fl-istess ħin matul din il-konsultazzjoni rċevejna rakkomandazzjonijiet li permezz tagħhom bħala Gvern, stajna nintroduċu miżuri soċjali ġodda li jkunu ta' għajnuna għas-soċjetà tagħna.

Matul din il-konsultazzjoni ipparteċipaw mijiet ta' nies, inkluż professjonisti mediċi, psikjatri, psikologi, imsieħba soċjali, persuni li personalment għaddew minn korriment tat-tqala u saħansitra membri tal-Gvern u l-Oppożizzjoni.

B'sodisfazzjoni ngħid li l-għan ta' din il-konsultazzjoni wiesgħa intlaħaq, li minnha ħarġu diversi rakkomandazzjonijiet li, kif ser jiġi spjegat, ġew indirizzati kemm fuq livell nazzjonali u kif ukoll dak legali.

1. **Early Pregnancy Unit**

Ħareġ ċar minn din il-konsultazzjoni li nisa li jkunu għaddejjin minn korriment tat-tqala, kienu qed jitħallew fl-istess sala ma' nisa li jkunu għadhom kemm welldu tarbija - sitwazzjoni li kienet qiegħda toħloq trawma ikbar u żejda fuq in-nies kollha involuti.

Kien għalhekk li bħala Gvern ħdimna fuq din is-sitwazzjoni u fi ftit żmien infetaħ l-Early Pregnancy Unit ġewwa l-Isptar Mater Dei u kif ukoll sala oħra simili ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Permezz ta' dawn il-Units, minn Ġunju li għadda nisa li jkunu għaddejjin minn korriment tat-tqala issa qed ikunu f'sala separata minn nisa tqal. Din il-miżura naqset it-tbatija żejda li koppji li jgħaddu minn korriment tat-tqala kienu qed jaffaċċjaw inutilment.

Anness għandek issib diversi artikli tal-gazzetti kollettivament mmarkati bħala DOK A.

2. **Nisa li jwelldu tarbija mejta wara 22 ġimgħa tat-tqala, ma kienu intitolati għall-ebda leave**

Punt ieħor li tqajjem kien kemmxejn tekniku u legali, u ċioè li l-miscarriage leave kien se jkun qiegħed japplika għal dawk il-ġenituri li jitilfu tarbija qabel it-22 ġimgħa tat-tqala (skont linji gwida tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa). Minn naħa l-oħra, l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jistipula li dawk il-ġenituri li jwelldu tarbija ħajja jew mejta mis-7 xahar 'l quddiem tat-tqala, jkunu intitolati għal-leave tal-maternità. Għalhekk, permezz tal-introduzzjoni tal-leave tal-korriment tat-tqala, dawk il-ġenituri li jwelldu tarbija mejta bejn it-22 ġimgħa tat-tqala u s-7 xahar (28

ġimgħa tat-tqala), ma kienu se jkunu intitolati għall-ebda forma ta' leave. Kien għalhekk li bdejna diskussjoni u propju ftit tal-ġranet ilu din l-emenda legali għaddiet mill-istadji Parlamentari kollha u ser tkun qed tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.

Anness għandek issib diversi artikli tal-gazzetti, kif ukoll l-abbozz relatat, kollettivament mmarkati bħala DOK B.

**3. Bereavement Leave għall-ġenituri li jitiflu tfal minuri**

Persuni li pparteċipaw f'din il-konsultazzjoni ressqu 'l quddiem ukoll ħsibijiet dwar kif ġenituri li jitilfu t-tfal minuri (taħt it-18-il sena) għandhom bejn ġurnata u jumejn ta' bereavement leave biss, meta kkumparat mal-miscarriage leave li ser ikun ta' sebat ijiem ta' xogħol bi ħlas. Bħala Gvern ħdimna fuq din il-proposta u sussegwentement ġie mħabbar li mill-1 ta' Jannar 2026, dawk il-ġenituri li jitilfu t-tfal minuri se jkollhom 7'ijiem tax-xogħol ta' leave għal kull ġenitur.

Anness għandek issib diversi artikli tal-gazzetti, kif ukoll l-abbozz relatat, kollettivament mmarkati bħala DOK Ċ.

**4. Leave għal dawk il-ġenituri li t-trabi tagħhom jiddaħħlu għall-kura intensiva**

Rakkomandazzjoni oħra li rċevejna waqt il-konsultazzjoni tal-miscarriage leave huwa dwar il-possibiltà ta' leave speċjali għal dawk il-ġenituri li jkollhom tarbija tat-twelid li tkun rikoverata għall-kura intensiva (NPICU).

Dan il-punt kien ukoll tqajjem mid-Deputat Romilda Zarb waqt aġġornament fil-Parlament u sussegwentement il-Gvern beda l-konsultazzjoni neċessarja sabiex f'pajjiżna jiġi introdott leave in propożitu.

Anness għandek issib diversi artikli tal-gazzetti kollettivament mmarkati bħala DOK D.

Irrid ngħid li din il-konsultazzjoni pubblika serviet ta' punt ta' tluq kruċjali f'pajjiżna għal diversi miżuri, inkluż leave speċjali ġdid, li ġie introdott jew li bħalissa għaddej xogħol dwaru, fosthom leave għal min jiġi b'tarbija f'pajjiżna li tkun twieldet permezz ta' surrogacy, leave ieħor għal dawk il-ġenituri li jkollhom it-tfal tagħhom mhux neċessarjament trabi, rikoverati l-isptar, u miżuri oħra fost oħrajn.

**Konklużjoni**

Nikkonkludi billi nisħaq, illi ħareġ ċar li din il-konsultazzjoni serviet ta' ġid bla preċedent f'dak li għandu x'jaqsam ma' introduzzjoni ta' leave ġdid partikolarment għal dawk il-persuni li jkunu għaddejjin mill-agħar mumenti ta' ħajjithom. It-tibdil li diġà tħabbar frott din il-konsultazzjoni pubblika jagħti sens ta' sapport u sostenn lill-ħaddiema u l-familji kollha. Għaldaqstant, dak kollu premess jindika bla ebda dubju li dan kien xogħol fuq livell nazzjonali u bl-ebda mod partiġġjan, u huwa proprju għalhekk li l-ilment għandu jiġi miċħud.

Daqstant għandi x'nissottometti lil wisq rispettat Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Inselli għalik,

Andy Ellul

DOKUMENT 5

| | |
|---|---|
| **From:** | Ivan Castillo |
| **To:** | Office |
| **Cc:** | [redacted] |
| **Subject:** | Subject: Government Advert Published in MaltaToday on 16th April 2025 Dear Commissioner |
| **Date:** | Thursday, 17 April 2025 14:17:34 |

Commissioner of Standards,

We are writing to bring to your attention a matter concerning a government-paid advert published on page 5 of the MaltaToday newspaper dated 16th April 2025.

Please be informed that neither myself, (Hon. Ivan Castillo), nor Hon. Graziella Attard Previ (who is in copy and writing also on her behalf) were consulted, informed, or made aware of this advert prior to its publication. While we were happy to participate in the public consultation process and contribute constructively to it, the advert in question — which features our photos — was issued without our knowledge or any form of consent.

Although our photographs were taken during our participation in the consultation, we had no involvement in, nor were we notified about, the creation, content, or publication of this government-funded advert.

We are fully aware of the Guidelines on Government Advertising and Promotional Material and the various related decisions issued by your office. In light of this, we felt it was our duty to formally write to you and inform you of the situation.

We wish to make it clear that we do not want to be associated, even inadvertently, with any breach of the aforementioned guidelines, the Code of Ethics for Ministers and Parliamentary Secretaries, or the Code of Ethics of Members of the House of Representatives. Yours sincerely,
Hon. Ivan Castillo
Hon. Graziella Attard Previ
Members of Parliament